**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Paul Camilleri**

Kaz Numru: 80/2014

Illum 6 ta' Jannar 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Camilleri**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Carmel u Maria nee' Bonello, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar is-16 ta' Marzu 1986 u residenti fil-fond Birds of Paradise, Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 12086G, akkuzat talli nhar is-6 ta' Mejju 2014 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6.00pm) gewwa Triq l-Imgarr, fix-Xewkija u f'postijiet ohra fix-Xewkija, Ghawdex;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAU043

ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Buttigieg (I.D. No. 19749G) u dan kif gie ccertifikat minn Dr. Patrick Sciberras tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAU043, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAU043 ikkaguna hsara fuq il-vettura (mutur) bin-numru tar-registrazzjoni FBA415 ghad-detriment ta' Saviour Buttigieg (ID No. 19749G);

F'kaz ta' htija din l-Onorabbli Qorti giet mitluba b'zieda tal-piena tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha li huwa xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni tieghu.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli ndikati, issib lill-imputat Paul Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Rigward l-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qieghed ikun ikkundannat multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**